# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 5 ta' Ottubru 2018**

**Numru 3**

**Rikors numru 1118/09 JPG**

**Joseph u Maria Victoria Konjugi Borg**

**v.**

**(1) Onorevoli Prim Ministru**

**(2) Ministru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni**

**(3) Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta**

**Preliminari**

1. Dan huwa provvediment dwar **eċċezzjoni ta' rikuza** sollevata mill-atturi appellanti Joseph u Maria Borg permezz ta' nota datata 5 ta' Ġunju 2018, fil-konfront ta':

(i) l-Onorevoli Imħallef Giannino Caruana Demajo u

(ii) l-Onorevoli Imħallef Noel Cuschieri

> "*peress li huma, flimkien mal-Unur Tiegħu il-Prim Imħallef Uxxenti Silvio Camilleri, iddeċidew l-eċċezzjoni tar-rikuża fil-konfront tal-Prim Imħallef, u inoltre, flok ma insistew miegħu illi l-appell pendenti jiġi differit għal Mejju "sic et simpliciter" sabiex l-Unur Tiegħu Silvio Camilleri jkun laħaq irtira bl-eta` f'April 2018, ipprefiġġew terminu ta' xahar mit-12 ta' Frar 2018 "sabiex l-atturi appellanti jiddeduċu l-pretenzjoni li jista' għandhom dwar il-kwistjoni kostituzzjonali sollevata minnhom fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili", liema proċeduri kostituzzjonali kellhom għalhekk jiġu ppreżentati inutilment bi spiża żejda għall-esponenti".*

2. Għal intendiment aħjar ta' din l-eċċezzjoni huwa opportun li din il-Qorti telenka l-kronoloġija tal-proċedura odjerna rilevanti:

<u>16.11.2009</u> L-atturi appellanti odjerni intavolaw il-kawża odjerna quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex jiġi dikjarat illi l-<u>Avviż Legali 293/2001</u> u l-<u>Avviż Legali 200/2009</u> huma diskriminatorji u għalhekk abbużivi u illegali, u biex jiġu dikjarati nulli u bla effett.

<u>05.05. 2016</u> Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kkonvertiet ruħha f'qorti ta' "*Sede Kostituzzjonali*" u **<u>ċaħdet it-talbiet</u>**.

<u>23.05.2016</u> L-atturi intavolaw appell quddiem din il-Qorti Kostituzzjonali minn tali deċiżjoni.

20.02.2017 L-atturi appellanti ssollevaw l-eċċezzjoni ta' rikuża fil-konfront tas-Sinjurija Tiegħu il-President ta' din il-Qorti (Silvio Camilleri) "*biex jistħarreġ Avviż Legali*[1] *li kien ġie approvat minnu stess meta huwa kien jokkupa l-kariga ta' Avukat Ġenerali*".

12.06.2017 Din il-Qorti Kostituzzjonali tat provvediment fir-rigward ta' tali eċċezzjoni ta' rikuża (**cioe` ċaħdet tali eċċezzjoni**). Hija ddikjarat illi tali eċċezzjoni:

> "…*m'għandha l-ebda bażi konkreta u hija bbażata biss fuq ipoteżi, u ladarba ma nġabu l-ebda provi konketi li jistgħu jindikaw li l-President tal-Qorti kien ta xi parir bil-miktub jew oralment dwar ir-regolament in kwistjoni meta huwa kien jokkupa l-kariga ta' Avukat Ġenerali, allura l-allegazzjoni tar-rikorrenti qed tiġi meqjusa li hi bbażata biss fuq konġettura u mhux fuq fatti".*

02.11.2017 Wara li t-talba għar-rikuża tas-Sinjurija Tiegħu il-President Silvio Camilleri ġiet miċħuda l-atturi ppreżentaw rikors li fih argumentaw illi irrispettivament minn jekk kienx ta' parir lill-Gvern jew le, il-persuna li kienet tokkupa l-kariga ta' Avukat Ġenerali fiż-żmien rilevanti għal din il-kawża mhix il-persuna adatta biex tippresjedi din il-Qorti Kostituzzjonali f'kawża ta' din il-portata. Aċċennaw għall-fatt li l-Avukat Ġenerali huwa l-

[1] A.L. 200/2009

avukat tal-Gvern u li l-leġislazzjoni li qed tiġi impunjata ġiet promossa mill-Gvern u argumentaw illi l-ġustizzja mhux biss trid issir iżda trid tidher li qed issir.

Għalhekk f'dan ir-rikors l-atturi appellanti, filwaqt li issollevaw kwistjoni kostituzzjonali fuq ir-rifjut tal-imsemmija eċċezzjoni għar-rikuża tal-President tal-Qorti, talbu lil din il-Qorti tapplika l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 tal-Kap 319 biex ikun hemm id-debita determinazzjoni tar-referenza kostituzzjonali fir-rigward ta' din il-kwistjoni.

06.11.2017 Mistoqsi minn din il-Qorti Kostituzzjonali x'qed jippretendi minnha bir-rikors tiegħu tat-2 ta' Novembru 2017, id-difensur tal-atturi, Dr Tonio Azzopardi wieġeb:

> *"jew li tirreferi l-kwistjoni lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew din il-Qorti stess diversament komposta, tiddeċiedi hi stess il-kwistjoni sollevata mir-rikorrent".*

12.02.2018 Din il-Qorti Kostituzzjonali tat provvediment fir-rigward ta' tali rikors fejn intalab li ssir referenza kostituzzjonali (**cioe` ċaħdet tali rikors**).

Hija fl-ewwel lok aċċennat għall-fatt li l-Artikolu 46(3) tal-

Kostituzzjoni jikkontempla sitwazzjoni fejn f'proċeduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prima'Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 33 sa 45[2] dik il-Qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Għalhekk argumentat illi meta l-Qorti li quddiemha tkun qamet tali kwistjoni tkun proprju il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali, il-kwistjoni jistgħu jaqtgħuha huma stess stante l-kompetenza kostituzzjonali li għandhom.

Fit-tieni lok fakkret li bis-sentenza tat-12 ta' Ġunju 2017 hija diġa` ddeċidiet li ma hemmx raġuni għar-rikuża, tant li l-atturi talbu biex jekk ma tistax issir riferenza, il-kwistjoni tiġi maqtugħa minn din il-Qorti "*diversament komposta*". Irriteniet illi jekk il-kwistjoni tibqa' biex tinqata' minn din il-Qorti "*diversament komposta*" tkun qegħdha b'hekk tintlaqa' l-eċċezzjoni ta' rikuża li diġa` ġiet miċħuda.

Ikkonkludiet għalhekk li din il-Qorti la tista' tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u lanqas ma

[2] Min-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi, u anke mir-rikors tal-appell tagħhom, joħroġ ċar li l-azzjoni intentata minnhom saret ai termini tal-**Artikolu 45(1) tal-Kostituzzjoni**.

għandha taqtagħha hi.  Żiedet tgħid:

> "*Ma jfissirx iżda li ma hemmx rimedju għal min irid iqanqal il-kwistjoni, għax jista' dejjem jiftaħ kawża b'rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex il-kwistjoni tiġi mistħarrġa hemm, bi dritt ta' appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali".*

12.02.2018 Dakinhar stess li ingħata l-imsemmi provvediment, ġie verbalizzat li din il-Qorti kienet qed tipprefiġġi terminu ta' xahar sabiex l-atturi jiddeduċu quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili il-pretensjoni li jista' għandhom dwar il-kwistjoni kostituzzjonali sollevata minnhom. Hija mbagħad iddiferiet il-kawża għall-kontinwazzjoni għas-7 ta' Mejju 2018.

07.05.2018 Seduta quddiem il-Qorti. Dehru d-difensuri tal-partijiet. Ma ġie ivverbalizzat xejn fir-rigward ta' jekk l-atturi intavolawx proċeduri quddiem il-Prim'Awla fiż-żmien ta' xahar konċess lilhom fis-seduta preċedenti. L-appell ġie iddifferit għat-2 ta' Lulju 2018 għat-trattazzjoni.

05.06.2018 Fil-frattemp l-atturi appellanti ppreżentaw nota li permezz tagħha issollevaw l-eċċezzjoni ta' rikuża fil-konfront tal-Onorevoli Imħallef Giannino Caruana Demajo u tal-Onorevoli Imħallef Noel Cuschieri, liema

eċċezzjoni tifforma l-mertu tal-provvediment odjern.

02.07.2018 Seduta quddiem il-qorti. Għalkemm din is-seduta kienet intiża għat-trattazzjoni dwar l-appell, Dr Tonio Azzopardi b'riferenza għan-nota tal-5 ta' Ġunju 2018 insista li jingħata provvediment dwar it-talba kontenuta f'tali nota. Hu u Dr Victoria Buttigieg għall-Onor. Prim Ministru, il-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni ttrattaw fir-rigward tal-imsemmija nota. Il-kawża ġiet differita għall-5 ta' Ottubru 2015 għal tali provvediment.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

3. Ir-raġunijiet li fuqhom hija bbażata l-imsemmija "eċċezzjoni ta' rikuża" mertu ta' dan il-provvediment odjern huma tnejn:

(i) il-fatt li l-Imħallef Giannino Caruana Demajo (GCD) u l-Imħallef Noel Cuschieri (NC) iddeċidew il-kwistjoni ta' rikuża fil-konfront tal-Prim Imħallef Silvio Camilleri (SC), flimkien mal-istess Prim Imħallef u

(ii) il-fatt li flok mal-imħallef Giannino Caruana Demajo (GCD) u l-Imħallef Noel Cuschieri (NC) "*insistew*" mal-Prim Imħallef Silvio Camilleri (SC) li l-appell pendenti jiġi differit

għal Mejju (cioe` wara li jkun irtira l-istess Prim Imħallef bl-eta`) ipprefiġġew terminu ta' xahar sabiex fiha huma jiddeduċu quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili l-pretensjoni li "*jista' jkun għandhom dwar il-kwistjoni kostituzzjonali sollevata minnhom*", liema proċeduri kostituzzjonali kellhom jiġu ppreżentati inutilment bi spejjeż żejda għalihom.

4. **L-ewwel argument** tal-atturi għalhekk hu li ġialadarba l-Imħallfin Giannino Caruana Demajo (GCD) u Noel Cuschieri (NC) flimkien mal-Prim Imħallef Silvio Camilleri (SC) kienu ddeċidew li ma kienx il-każ li l-Prim Imħallef jirrikuża ruħu, mela allura huwa l-każ li jirrikużaw ruħhom huma stess. Din il-Qorti hija perplessa b'dan l-argument li huwa kompletament bla bażi u legalment infondat. Bl-ebda mod ma jinkwadra taħt xi waħda mis-sitwazzjonijiet ikkontemplata fl-Artikolu 734[3] tal-Kaptitolu 12. Il-fatt li l-Imħallfin Giannino Caruana Demajo (GCD) u Noel Cuschieri (NC) dehrilhom li ma kienx il-każ li l-Prim Imħallef jirrikuża ruħu bl-ebda mod ma jpoġġihom f'pożizzjoni fejn jiġi li għandhom jirrikużaw irwieħhom huma stess.

5. **Fit-tieni lok** l-atturi jilmentaw bil-fatt li din il-Qorti (komposta mill-Prim Imħallef Silvio Camilleri (SC) u l-Imħallfin Giannino Caruana Demajo (GCD) u Noel Cuschieri (NC)) flok ma "*sic et simpliciter*" iddiferiet l-appell għal wara li jkun laħaq irtira l-Prim Imħallef (cioe` għal

[3] Raġunijiet għal rikuża jew astenzjoni ta' mħallef.

wara April 2018), tathom terminu ta' xahar biex fiha jiddeduċu quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili l-pretensjoni kostituzzjonali li jista' jkun għandhom. Jargumentaw li bħala konsegwenza ta' dan kellhom jippreżentaw proċeduri kostituzzjonali inutilment bi spejjeż żejda għalihom u allura iqisu li dan huwa argument ieħor għaliex l-Imħallfin Giannino Caruana Demajo (GCD) u Noel Cuschieri (NC) għandhom jirrikużaw ruħhom.

6. Din il-Qorti pero` tagħmel is-segwenti osservazzjoni: jekk l-atturi dehrilhom li kellhom jissollevaw kwistjoni kostituzzjonali minħabba l-fatt li l-Prim Imħallef Silvio Camilleri (SC) kien l-Avukat Ġenerali fiż-żmien li l-Avviż Legali 200/2009 ġiet promossa mill-gvern, u jekk fit-12 ta' Frar 2018, meta ingħataw xahar biex jiddeduċu tali kwistjoni kostituzzjonali quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, l-appell ġie differit "*għall-kontinwazzjoni għas-7 ta' Mejju 2018"* (cioe` għal wara l-irtirar tal-Prim Imħallef Silvio Camilleri (SC)) mela allura l-istess atturi kienu jafu li meta l-Qorti Kostituzzjonali kienet ser tiddeċiedi l-każ tagħhom il-Prim Imħallef ma kienx ser ikun Silvio Camilleri (SC) iżda persuna oħra[4]. Għaldaqstant kwalsiasi problema li seta' kellhom bil-fatt li l-Prim Imħallef Silvio Camilleri (SC) kien qed jippresjedi din il-Qorti, kienet ser tkun għebet sad-differiment sussegwenti. Ma kellhomx għalfejn l-atturi appellanti jippreżentaw proċeduri kostituzzjonali. Kellhom "*sic et simpliciter*" jistennew sad-differiment sussegwenti. Dan l-ilment

[4] Li l-Prim Imħallef Silvio Camilleri kien ser jirtira f'April 2018 kien fatt li kien ilu żmien jissemma' fuq il-*media*, u ben magħruf mal-avukati.

tagħhom għalhekk huwa wieħed superfluwu u infondat għall-aħħar, u daqstant ieħor hija superfluwa u infondata l-pretenzjoni tagħhom li bħala konsegwenza ta' dan kollu għandhom jirrikużaw ruħhom l-Imħallfin Giannino Caruana Demajo (GCD) u Noel Cuschieri (NC). Hawnhekk ukoll, mhux applikabbli l-Artikolu 734 tal-Kap 12.

**Decide**

7. Għal dawn il-motivi din il-Qorti qegħda tiċħad l-eċċezzjoni sollevata mill-atturi li mhux biss hija infondata iżda addirittura hija frivola u l-vessatorja.

8. L-ispejjeż ta' dan l-episodju għandhom iħallsuhom l-istess atturi appellanti. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 10 tat-tariffa A tal-Kap. 12 il-Qorti tordna ukoll lill-istess appellanti jħallsu s-somma ta' elf euro (€1,000) lir-Reġistratur tal-Qorti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm